



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0291/2012**

27.9.2012

# RAPPORT

dwar is-sajd kostali fuq skala żgħira, is-sajd artiġjanali u r-riforma tal-Politika  
Komuni tas-Sajd  
(2011/2292(INI))

Kumitat għas-Sajd

Relatur: João Ferreira

RR\914002MT.doc

PE486.129v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

WERREJ

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	14
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI .....	17
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI .....	21
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	26

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### **dwar is-sajd kostali fuq skala żgħira, is-sajd artiġjanali u r-riforma tal-Politika Komunitas-Sajd (2011/2292(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Politika Komunitas-Sajd (PKS);
- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b' mod partikolari l-Artikoli 43(2) u 349 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet partikolari tar-reġjuni l-aktar imbiegħda,
- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni bit-titolu "Riforma tal-Politika Komunitas-Sajd" (COM(2009)0163),
- billi l-FEMS futur għandu jiggarrantixxi d-dritt tal-popolazzjonijiet lokali għas-sajd, għall-konsum tal-familja, skont użanzi speċifiċi u għaż-żamma tal-attivitajiet ekonomiċi tradizzjonali tagħhom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komunitas-Sajd<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-regolamentazzjoni applikabbli għall-Fond Ewropew għas-Sajd, ir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 tal-Kunsill, li jiddefinixxi r-regoli u l-arranġamenti dettaljati dwar l-għajjnuna strutturali Komunitarja fis-settur tas-sajd<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2005 dwar in-netwerks tan-nisa: sajd, biedja u diversifikazzjoni<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar sajd qrib il-kosta u l-problemi li jiffaċċjaw il-komunitajiet tas-sajd qrib il-kosta<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Settembru 2008 dwar is-Sajd u l-Akkwakultura fil-kuntest ta' Amministrazzjoni Integrata taż-Żona Kostali fl-Ewropa<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2012 dwar il-kontribut tal-politika

---

<sup>1</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

<sup>2</sup> ĠU L 223/1, 15.8.2006, p.1-44.

<sup>3</sup> ĠU C 286 E, 23.11.2006, p. 519.

<sup>4</sup> ĠU C 300 E, 9.12.2006, p. 504.

<sup>5</sup> Testi approvati, P6\_TA(2008)0382.

komuni tas-sajd għall-produzzjoni ta' prodotti pubbliċi<sup>1</sup>,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2010 dwar il-Green Paper dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-oroposta għal regolament ġdid tal-Parlament u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2011)0425),
  - wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata (COM(2011)0804),
  - wara li kkunsidra l-proposta għal regolament ġdid tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura (COM(2011)0416),
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd" (COM(2011)0417),
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar id-Dimensjoni Esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2011)0424),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-obbligi tar-rappurtar skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002, dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2011)0418),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat dwar id-Drittijiet tan-Nisa u Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0291/2012),
- A. billi s-sajd fuq skala żgħira – inklużi s-sajd artiġjanali u ċerti tipi ta' sajd kostali/qrib il-kosta, is-sajd tal-frott tal-baħar u attivitajiet oħra ta' akkwakultura estensiva tradizzjonali kif ukoll it-tkabbir naturali tal-molluski fl-ilmijiet qrib il-kosta – għandu impatt territorjali, soċjali u kulturali differenti ħafna, fil-kontinent, fil-gżejjer u fit-territorji l-aktar imbiegħda u jippreżenta karatteristiċi u problemi speċifiċi li jiddistingwuh mis-sajd fuq skala kbira u mill-akkwakultura intensiva jew industrijali;
- B. billi, għall-finijiet tar-Regolament il-ġdid dwar il-Politika tas-Sajd, huwa meħtieġ li jiġi ddefinit x'għandu jfisser sajd artiġjanali, b'kunsiderazzjoni fl-istess ħin tar-riperkussjonijiet li jkollu dan it-tip ta' sajd fuq il-finanzjament li jsir mill-Fond Ewropew

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2012)0052.

<sup>2</sup> Testi approvati, P7\_TA(2010)0039.

Marittimu u tas-Sajd il-ġdid;

- C. billi l-flotta artiġjanali jew kostali hija essenzjali għaż-żamma u l-ħolqien tal-impjiegi fir-reġjuni kostali u billi din tgħin biex tiżgura l-indipendenza alimentari tal-UE, kif ukoll l-iżvilupp taż-żoni kostali u l-provvista ta' prodotti tas-sajd għas-suq Ewropew;
- D. billi madwar 80 % tas-sajd Komunitarju jsir permezz ta' bastimenti ta' anqas minn 15-il metru, fattur li jagħmel din il-parti tal-flotta l-attur ewlieni tal-PKS; billi l-PKS trid tagħti risposta adegwata, suffiċjenti u neċessarja għall-problemi li, minkejja l-miżuri suċċessivi mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, qed tkompli tikkonfronta parti kbira tas-settur tas-sajd fuq skala żgħira;
- E. billi s-settur tas-sajd kostali u artiġjanali għandu bastimenti li qed jiqdiemu u li għandhom isiru aktar siguri u moderni, u anke jiġu sostitwiti b'bastimenti ġodda, aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u konformi mal-istandards ta' sigurtà;
- F. billi hemm skarsezza ta' data statistika u indikaturi fil-livell Ewropew, f'termini tal-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, u jeħtieġ li jiġu promossi indikaturi li jipprovdu data soċjoekonomika, xjentifika u ambjentali li tirrifletti l-varjetà ġeografika, ambjentali u soċjoekonomika ta' dan it-tip ta' sajd;
- G. billi n-nuqqas ta' data xjentifika affidabbli tibqa' problema serja f'termini tal-isforzi biex tinkiseb ġestjoni sostenibbli tal-biċċa l-kbira mill-istokkijiet tal-ħut;
- H. billi fid-definizzjoni ta' politika tas-sajd, barra minn objettivi ambjentali essenzjali relatati mal-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll objettivi soċjali u ekonomiċi, billi ġew ittraskurati, b'mod partikolari fil-każ tas-sajd fuq skala żgħira;
- I. billi l-ġestjoni ċentralizzata attwali tal-PKS ta' spiss tipproduċi linji gwida li huma maqtugħin mir-realtà, mhux tant mifhuma mis-settur (li mhuwiex involut fid-diskussjonijiet jew l-iżvilupp tagħhom) u diffiċli biex jiġu implimentati, u billi dan jipproduċi riżultati li huma ta' spiss l-oppożizzjoni ta' dawk maħsuba;
- J. billi l-mudelli ta' ġestjoni bbażati fuq drittijiet tas-sajd trasferibbli ma jistgħux jitqiesu bħala l-unika miżura sabiex jiġu indirizzati s-sajd żejjed u l-kapaċità żejda;
- K. billi tnaqqis obbligatorju fil-flotta miksub esklużivament permezz ta' strumenti tas-suq, bħalma huma l-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli (TFCs), jista' jwassal għall-prevalenza ta' operaturi li huma aktar kompetittivi minn perspettiva purament ekonomika, għad-detriment tal-operaturi u s-setturi tal-flotta li għandhom impatt ambjentali aktar baxx u li joħolqu aktar impjiegi (b'mod dirett u indirett);
- L. billi l-kriżi ekonomika u soċjali taffettwa b'mod speċjali lis-settur tas-sajd u billi f'dan il-kuntest is-sajd fuq skala żgħira jista' jkun aktar vulnerabbli minħabba l-kapitalizzazzjoni baxxa tiegħu; billi huwa importanti li tiġi żgurata l-istabbiltà ekonomika u soċjali tal-komunitajiet tas-sajd fuq skala żgħira;
- M. billi s-sajd fuq skala żgħira jew is-sajd artiġjanali, minħabba d-dgħufijiet strutturali li għandu, huwa aktar espost għal ċerti tipi ta' xokkijiet ekonomiċi (bħal żieda mgħaġġla fil-

prezzijiet tal-fjuwil jew nuqqas ta' aċċess għall-kreditu) u għal ċerti bidliet fid-disponibbiltà tar-riżorsi;

- N. billi l-karatteristiċi speċifiċi tas-sajd fuq skala żgħira jikkostitwixxu aspekk li bilfors għandu jitqies fil-PKS futur, imma fl-istess ħin ma jridux ikunu l-uniku punt li tiffoka fuqu d-dimensjoni soċjali tar-riforma, meta wieħed iqis il-kriżi qawwija li bħalissa qed tolqot lis-settur kollu;
  - O. billi l-prezzijiet tal-ħut tal-ewwel bejgħ mhumiex qed ilaħħqu maż-żieda sinifikanti attwali fl-ispejjeż tal-produzzjoni, b'mod partikolari għall-fjuwil, u f'ħafna każijiet huma jew staġnati jew qed jonqsu, fattur li qiegħed iżid mal-kriżi li qed jaffaċċja s-settur;
  - P. billi s-suq mhuwiex iħallas għalkollox l-esternalitajiet soċjali u ambjentali pożittivi relatati mas-sajd fuq skala żgħira; billi s-soċjetà kollha kemm hi ma tirrikonoxxi jew ma tħallasx l-attivitajiet assoċjati mas-sajd li jikkostitwixxu l-aspekk multifunzjonali tas-settur u jipproduċu prodotti pubbliċi billi, fost l-oħrajn, jistimulaw il-kosta, il-gastronomija, il-mużeoloġija u s-sajd rikreattiv, għall-benefiċċju tas-soċjetà kollha kemm hi;
  - Q. billi l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS) futur għandu jikkunsidra kompletament il-problemi u l-ħtiġijiet speċifiċi tas-sajd artiġjanali u fuq skala żgħira, kemm fiż-żoni kostali u kemm fiż-żoni interni, kif ukoll il-konsegwenzi kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa li ġġib magħha l-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fir-riforma futura;
  - R. billi l-mard speċifiku li jaffettwa lin-nisa li jaħdmu fis-settur tas-sajd artiġjanali mhumiex rikonoxxuti bħala mard okkupazzjonali
  - S. billi l-ħolqien ta' żoni ta' esklużjoni jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' prattiki responsabbli, għas-sostenibbiltà kemm tal-ekosistemi marittimi kostali u kemm tal-attivitajiet tas-sajd tradizzjonali, kif ukoll għas-sopravivenza tal-komunitajiet tas-sajjeda;
  - T. billi s-sajd kostali fuq skala żgħira u s-sajd artiġjanali għandhom karatteristiċi differenti ħafna li jvarjaw minn pajjiż għal pajjiż u minn kosta għal kosta;
  - U. billi l-importanza tas-sajd fuq skala żgħira għall-protezzjoni tal-lingwi tal-minoranzi f'żoni kostali iżolati ma tistax tiġi injorata;
  - V. billi l-livell ta' assoċjazzjoni u organizzazzjoni tal-professjonisti tas-sajd fuq skala żgħira huwa insuffiċjenti u differenti fid-diversi Stati Membri;
  - W. billi l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jirriferi għall-ħtieġa li jiġu promossi politiki speċifiċi għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, b'mod partikolari fil-qasam tas-sajd;
1. Iqis li s-sajd fuq skala żgħira jinkludi s-sajd artiġjanali u ċerti tipi ta' sajd kostali/qrib il-kosta, is-sajd tal-frott tal-baħar u attivitajiet oħra ta' akkwakultura estensiva tradizzjonali kif ukoll it-tkabbir naturali tal-molluski fl-ilmijiet qrib il-kosta;
  2. Jenfasizza li s-sajd fuq skala żgħira, minħabba l-karatteristiċi tiegħu u l-piż tiegħu fis-

settur, għandu rwol ċentrali fil-kisba ta' dawk li għandhom ikunu l-objettivi fundamentali ta' kwalunkwe politika tas-sajd: il-garanzija ta' provvista tal-ħut lill-pubbliku u l-iżvilupp tal-komunitajiet kostali, u l-promozzjoni tal-impjiegi u standards ta' għajxien imtejbien għall-professjonisti tas-sajd, fil-kuntest ta' żgurar ta' riżorsi sostenibbli u kkonservati tajjeb;

3. Iqis li l-karatteristiċi tal-parti tas-sajd fuq skala żgħira fl-ebda każ m'għandhom jintużaw bħala skuża biex din il-parti titħalla barra mill-qafas ġenerali tal-PKS, għalkemm din il-politika għandu jkollha biżżejjed flessibbiltà sabiex is-sistemi ta' ġestjoni jkunu jistgħu jiġu adattati għall-karatteristiċi u l-problemi speċifiċi tas-sajd artiġjanali;
4. Jindika li l-karatteristiċi speċifiċi tas-sajd fuq skala żgħira jvarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor, u li l-għażla tal-iżgħar denominatur komuni rari kienet approċċ kostruttiv għat-teħid tad-deċiżjonijiet Ewropej;
5. Jemmen li wieħed għandu jibda minn definizzjoni ġenerika tas-sajd artiġjanali li ma tħallix li ċ-ċirkostanzi li jvarjaw b'mod wiesa' fis-settur tas-sajd, skont iż-żoni differenti, it-tip ta' riżorsi sfruttati jew kwalunkwe partikolarità oħra ta' natura purament lokali, iwasslu għal nuqqas ta' kisba tal-objettivi ta' simplifikazzjoni, ċarezza leġiżlattiva u nondiskriminazzjoni; jemmen ukoll li l-PKS għandha tinkorpora miżuri li jippermettu ċerta flessibbiltà f'dawk il-każijiet, dimostrabbli xjentifikament, fejn l-attività tas-sajd ma tkunx possibbli mingħajr ċerti aġġustamenti tar-regoli ġenerali;
6. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jitqiesu b'mod xieraq l-istudji xjentifiċi eżistenti dwar is-sajd fuq skala żgħira; jinnota li xi wħud minn dawk l-istudji jippreżentaw proposti għad-definizzjoni ta' 'sajd fuq skala żgħira', bħal fil-każ tal-proġett PRESPO għall-iżvilupp sostenibbli tas-sajd artiġjanali fiż-żona tal-Atlantiku, li jipproponi approċċ ibbażat fuq deskritturi numeriki għad-definizzjoni u s-segmentazzjoni tal-flotot tas-sajd artiġjanali Ewropej;
7. Iqis li d-definizzjoni tas-sajd fuq skala żgħira għandha tqis firxa ta' karatteristiċi u differenzi nazzjonali u reġjonali rigward governanza, fosthom ir-rispett għat-tradizzjoni artiġjanali ibbażata fl-ambjent lokali u bil-parteciġazzjoni tal-familja kemm fis-sjieda kif ukoll fl-attivitajiet ta' impriżi tas-sajd; jenfasizza li huwa importanti li jiġu fformulati kriterji ta' definizzjoni li jkunu flessibbli u/jew li jkunu jistgħu jiġu kkombinati u adattati b'mod ibbilanċjat għad-diversità tas-sajd fuq skala żgħira fl-UE;

### ***Ġestjoni lokali***

8. Iqis li l-mudell ċentralizzat iżżejjed tal-ġestjoni tas-sajd li kkaratterizza l-PKS matul l-aħħar 30 sena falla u li r-riforma attwali għandha toħloq deċentralizzazzjoni sinifikanti; jemmen li r-riforma tal-PKS trid toħloq kundizzjonijiet li jippermettu speċifitàjiet lokali, reġjonali u nazzjonali; jenfasizza li l-ġestjoni lokali, bl-appoġġa tat-tagħrif xjentifiku u tal-konsultazzjoni u l-parteciġazzjoni tas-settur fid-definizzjoni, l-implimentazzjoni, il-koġestjoni u l-evalwazzjoni tal-politika, tikkostitwixxi t-tip ta' ġestjoni li jissodisfa l-aħjar il-bżonnijiet tas-sajd u li jipprovdi l-akbar inċentivi għal imġiba preventiva fost is-sajjieda;
9. Jikkunsidra li l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs), fil-kuntest il-ġdid ta' PKS deċentralizzata u reġjonalizzata, għandhom jaqdu rwol akbar fil-Politika Komuni tas-Sajd

futura;

10. Iqis li huwa fundamentali li jissaħħaħ ir-rwol tal-kumitati konsultattivi u li tiġi kkontemplata kollaborazzjoni fil-ġestjoni konġunta tar-riżorsi b'tali mod li tiġi ppreżervata n-natura ta' dawn il-kumitati u li l-valur tagħhom jissaħħaħ sabiex jinbidlu f'forum ta' ġestjoni mingħajr setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet iżda li fih ikunu jistgħu jipparteċipaw il-protagonisti tas-settur u tal-NGOs, u b'hekk ikunu permessi jindirizzaw kwistjonijiet orizzontali marbuta mal-problemi speċifiċi tas-sajd artiġjanali;
11. Iqis li l-impożizzjoni ta' mudell ta' ġestjoni uniku għall-Istati Membri kollha, bħall-konċessjonijiet trasferibbli tas-sajd (TFCs), mhijiex soluzzjoni adegwata, fid-dawl tad-diversità kbira li tikkaratterizza s-sajd fl-UE;
12. Iqis li huwa vantaġġjuż li jkun hemm mudelli differenti ta' ġestjoni tas-sajd disponibbli għall-Istati Membri u/jew ir-reġjuni f'sistema volontarja, fejn huma liberi li jagħżlu għalihom infushom f'qafas ta' PKS regionalizzata;
13. Jopponi bil-qawwa n-natura obbligatorja tal-implimentazzjoni tat-TFCs għal kwalunkwe tip ta' flotta; jemmen li d-deċiżjoni għall-adozzjoni jew le tat-TFCs u ta' liema setturi tal-flotta għandhom jiġu inklużi f'din l-iskema għandha titħalla f'idejn l-Istati Membri bi ftehim mar-reġjuni kompetenti u b'kunsiderazzjoni tad-diversità tas-sitwazzjonijiet u l-opinjoni tal-partijiet interessati; jemmen li huwa diġà possibbli li l-Istati Membri jwaqqfu sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom;
14. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-sistema tat-TFCs ma tistax titqies bħala miżura infallibbli għar-riżoluzzjoni tal-problemi ta' sajd żejjed u kapaċità eċċessiva; jenfasizza li approċċ regolatorju, li jkun kapaċi jagħmel l-aġġustamenti meħtieġa għall-kapaċità tas-sajd, huwa dejjem alternattiva possibbli għal approċċ tas-suq;
15. Iqis li, ladarba jiġu stabbiliti l-oġġettivi ġenerali tal-ġestjoni, għandha tiġi konċessa flessibilità lill-Istati Membri u lir-reġjuni kompetenti biex jiddeċiedu fuq ir-regoli ta' ġestjoni l-aktar adatti biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi fil-qafas tar-reġjonalizzazzjoni, speċjalment fir-rigward tad-dritt tal-aċċess għar-riżorsi tas-sajd, wara li jkun għew ikkunsidrati l-karatteristiċi partikolari tal-flotot, is-sajd u r-riżorsi tagħhom;
16. Jinnota l-importanza li jiġi żgurat li l-partijiet interessati rilevanti kollha jiġu involuti fl-iżvilupp tal-politiki dwar is-sajd kostali fuq skala żgħira u s-sajd artiġjanali;
17. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li tiġi kkunsidrata mhux biss il-kwantità tal-flotta, iżda wkoll l-impatt kumulattiv tagħha fuq ir-riżorsi u s-selettività u s-sostenibbiltà tal-metodi tas-sajd tagħha; iqis li l-PKS futura għandha thegħġegħ żieda fis-sostenibbiltà tal-flotta fil-livell ambjentali, ekonomiku u soċjali (l-istat tat-tiswija u s-sigurtà, l-abitabbiltà, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-ħżin tal-ħut, eċċ.), billi tippromwovi l-prevalenza gradwali tas-setturi u tal-operaturi li jużaw tekniki tas-sajd selettivi u rkaptu tas-sajd b'inqas impatt fuq ir-riżorsi u l-ambjent marittimu, u b'benefiċċji aktar importanti għall-komunitajiet li jappartjenu għalihom, f'termini ta' ħolqien ta' impjiegi u tal-kwalità ta' dawn l-impjiegi; jiddefendi bilanċ sostenibbli bejn il-protezzjoni tar-riżorsi eżistenti tas-sajd fiż-żoni marittimi u l-protezzjoni tan-nisġa soċjoekonomika



lokali li tiddependi mis-sajd u mis-sajd tal-frott tal-baħar;

### ***Karatteristiċi tal-flotta***

18. Jirrifjuta tnaqqis ġenerali u nondiskriminatorju fil-kapaċità tal-flotta u jenfasizza li l-aġġustament tagħha meta jkun meħtieġ ma jistax jiġi ddeterminat biss u b'mod obbligatorju mill-kriterji tas-suq; iqis li tali aġġustamenti jridu jkunu bbażati fuq approċċ ekosistemiku, li fih id-deċiżjonijiet speċifiċi rigward il-ġestjoni tal-flotta fuq skala żgħira jittieħdu fil-livell reġjonali, waqt li jkun rispettata il-prinċipju tas-sussidjarità, ikun żgurat reġim ta' sajd adattat li jagħti prijorità ta' aċċess għar-riżorsi u jipproteġi l-flotot fuq skala żgħira u jkun żgurat li jiġu involuti l-komunitajiet lokali; jappella sabiex jitwettaq b'urġenza studju dwar l-istat tal-kapaċità tal-flotta fl-UE;
19. Jirrifjuta kwalunkwe tnaqqis ġenerali fil-kapaċità ta' flotta partikolari, iddeterminata biss u b'mod obbligatorju mill-kriterji tas-suq u imposta minn infurzar potenzjali u mhux mixtieġ ta' konċessjonijiet trasferibbli tas-sajd;
20. Jenfasizza l-importanza ta' aktar riċerka fil-qasam tal-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali; jinnota l-ħtieġa ta' statistika u indikaturi fil-livell Ewropew li jipprovdu data ambjentali, xjentifika u soċjoekonomika affidabli u rilevanti biżżejjed, inkluża valutazzjoni wiesgħa tal-istokkijiet u l-qabdiet tal-ħut, kemm fis-sajd professjonali kif ukoll rikreattiv, u jappella għall-provvista ta' riżorsi suffiċjenti biex dan jinkiseb; jemmen li tali data għandha wkoll tirrefletti l-firxa sħiħa tad-differenzi ġeografiki, kulturali u reġjonali;
21. Ihegġegħ lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-kapaċità tal-flotta tal-UE sabiex tippermetti li jiġu adottati l-aktar deċiżjonijiet xierqa;
22. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u taġġusta l-limiti massimi tal-kapaċità tal-flotta għall-Istati Membri sabiex ikunu f'konformità ma' data affidabli u jiġu kkunsidrati avvanzati tekniċi;
23. Jindika li n-numru kbir ta' bastimenti involuti u l-varjetà kbira ta' metodi u sajd qed jagħmlu l-ġestjoni tas-sajd fuq skala żgħira aktar impenjattiva u ta' sfiċa; jenfasizza li d-disponibbiltà tal-informazzjoni hija kruċjali għal ġestjoni effikaċi u li hija meħtieġa aktar informazzjoni u informazzjoni aħjar dwar is-sajd fuq skala żgħira;
24. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-Istati Membri, l-RACs u l-partijiet interessati, tkompli ttejjeb il-karatterizzazzjoni tas-sajd fuq skala żgħira fl-UE għall-finijiet tal-ġestjoni tas-sajd; jhegġegħ b'mod partikolari lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-Istati Membri, twettaq studju eżawrjenti u rigoruż dwar id-daqs, il-karatteristiċi u d-distribuzzjoni tas-setturi differenti tas-sajd fuq skala żgħira, u tanalizza bl-aktar mod rigoruż fejn, meta u kif jistadu, sabiex jiġu identifikati s-setturi tal-flotta fejn hemm kapaċità żejda u l-kawżi ta' dan;
25. Jindika li bħalissa l-Komunità tikkofinanzja mhux aktar minn 50 % tal-baġit għall-ġbir, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni ta' data bijoloġika, li hija użata biex tappoġġja ġestjoni bbażata fuq l-għarfien; jitlob, għaldaqstant, żieda fl-isforzi tal-Komunità f'dan il-qasam billi jżied il-livell massimu permissibbli għall-kofinanzjament;

26. iwissi dwar il-ħtieġa li jkun approfondit il-fehim dwar il-pożizzjoni attwali tas-sajd rikreattiv u l-iżvilupp tiegħu, inkluż l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tiegħu; jiġbed l-attenzjoni għal sitwazzjonijiet li fihom is-sajd rikreattiv imur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u jikkompeti b'mod illeġittimu mas-sajd professjonali fil-qbid u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ħut, u b'hekk jikkawża tnaqqis fil-kwota tas-suq fil-livell lokali u reġjonali u jnaqqas il-prezzijiet tal-ewwel bejgħ;

### *Miżuri ta' appoġġ*

27. jirrikonoxxi li l-FEMS il-ġdid tfassal b'mod li jippermetti l-kisba ta' fondi partikolarment għall-partijiet tal-flotta kostali u artiġjanali; jirrikonoxxi li, abbażi tal-qafas ġenerali ffaċilitat mill-FEMS, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-prijoritajiet ta' finanzjament tagħhom b'tali mod li jsolvu l-problemi speċifiċi ta' dan is-settur u jappoġġjaw ġestjoni lokali u sostenibbli tas-sajd ikkonċernat;

28. Jiddefendi l-ħtieġa taż-żamma ta' fond li jkollu l-prinċipju ta' appoġġ akbar għall-attivitajiet kofinanzjati fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, kif ukoll il-preservazzjoni tal-istrumenti ta' kumpens speċifiċi għall-ispejjeż żejda assoċjati mal-attività u d-distribuzzjoni ta' prodotti tas-sajd, meta jitqiesu l-limitazzjonijiet strutturali li jolqtu lis-settur tas-sajd f'dawn ir-reġjuni;

29. Jenfasizza l-fatt li, minħabba s-sitwazzjoni prekarja u d-deklin ta' numru ta' komunitajiet kostali li jiddependu mis-sajd, kif ukoll in-nuqqas ta' alternattivi għad-diversifikazzjoni ekonomika, l-istrumenti, il-fondi u l-mekkaniżmi eżistenti għandhom jissaħħu sabiex tiġi żgurata koeżjoni f'termini ta' impjiegi u sostenibbiltà ekoloġika; jemmen li għandu jkun hemm rikonoxximent speċifiku ta' dan fil-PAK il-ġdida u fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali; jenfasizza wkoll il-bżonn ta' konċentrazzjoni fuq ġestjoni konġunta akbar u l-involviment tas-settur tas-sajd artiġjanali fit-teħid ta' deċiżjonijiet, billi ssir promozzjoni ta' strateġiji lokali u reġjonali u kooperazzjoni transkonfinali f'dan il-qasam, li tkopri proġetti ta' żvilupp, riċerka u taħriġ, bil-fondi xierqa mill-FEMS, mill-FSE u mill-FEŻR;

30. Jistieden lill-Istati Membri jqisu l-importanza tar-rwoli ekonomiċi, soċjali u kulturali tan-nisa fl-industrija tas-sajd, sabiex in-nisa jkun jista' jkollhom aċċess għall-benefiċċji soċjali; jenfasizza li l-parteċipazzjoni attiva tan-nisa fl-attivitajiet relatati mas-sajd tikkontribwixxi, l-ewwel nett, għaż-żamma ta' tradizzjonijiet u prattiki kulturali speċifiċi u, it-tieni nett, għas-sopravivenza tal-komunitajiet tagħhom, u b'hekk tiġi wkoll issalvagwardata d-diversità kulturali tar-reġjuni kkonċernati;

31. Iqis li r-regoli dwar l-implimentazzjoni tal-FEMS il-ġdid għandhom jippermettu li jiġu ffinanzjati azzjonijiet, fost l-oħrajn, fl-oqsma li ġejjin:

– titjib fis-sigurtà, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord, titjib fil-preservazzjoni tal-qbid, bastimenti aktar sostenibbli fil-livell ekonomiku u ambjentali (għażla tat-tekniki, effiċjenza fl-użutal-enerġija, eċċ.) mingħajr żieda fil-kapaċità tas-sajd tagħhom;

– investiment f'irkaptu tas-sajd aktar sostenibbli;

– il-promozzjoni ta' parteċipazzjoni akbar taż-żgħażaġh fl-attivitajiet tas-settur u ż-żamma

tal-involvement tagħhom permezz ta' skema speċjali ta' inċentivi b'reazzjoni għall-isfidi li s-settur qed jiffaċċja b'relazzjoni mal-impjiegi u s-sostenibbiltà, kif ukoll permezz ta' pakketti ta' għajjnuna tal-bidju maħsuba biex jiżguraw id-dħul ta' ġenerazzjoni ġdida ta' sajjieda fis-settur tas-sajd fuq skala żgħira;

- il-bini ta' portijiet tas-sajd speċjalizzati u faċilitajiet speċifiċi għall-inżul, il-ħżin u l-bejgħ ta' prodotti tas-sajd;
- l-appoġġ għall-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet u l-kooperattivi tal-professjonisti tas-settur;
- il-promozzjoni ta' politiki ta' kwalità;
- il-promozzjoni tal-koeżjoni tan-nisġa ekonomika u soċjali tal-komunitajiet kostali li jiddependu l-iktar mis-sajd fuq skala żgħira, b'enfasi partikolari fuq ir-reġjuni l-aktar imbiegħda, sabiex jiġi stimulat l-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni kostali;
- appoġġ għal Prattiki Sostenibbli ta' Sajd tal-frott tal-baħar, fost l-oħrajn billi tingħata għajjnuna lil dawk involuti f'din l-attività, ħafna minnhom nisa, li jbatu minn mard relatat max-xogħol;
- appoġġ għall-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd artiġjanali u l-akkwakultura estensiva, premezz tal-ħolqien ta' tikketta Ewropea li tiddistingwi u tidentifika l-prodotti tas-sajd artiġjanali u tal-frott tal-baħar Ewropej, dejjem sakemm dawn jirrispettaw Prattiki Tajbin ta' Sostenibbiltà u l-prinċipji tal-Politika Komuni tas-Sajd;
- appoġġ għal kampanji ta' edukazzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni sabiex il-konsumaturi u ż-żgħażaġħ isiru konxji mill-valur li jiġi kkunsmat ħut li ġej mis-sajd fuq skala żgħira, inklużi l-effetti pożittivi tiegħu fuq l-ekonomija lokali u l-ambjent;
- l-allokkazzjoni ta' finanzjament fil-qafas tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd b'tali mod li taġevola aktar lin-nisa fis-settur tas-sajd billi s-settur jitfassal mill-ġdid u billi jiġu pprovduti faċilitajiet xierqa (bħal pereżempju changing rooms fuq il-vapuri jew fil-portijiet);
- appoġġ għall-assoċjazzjonijiet tan-nisa bħalma huma dawk li jagħmlu x-xbieki, dawk li jaħdmu fil-portijiet u dawk li jieħdu ħsieb l-imballaġġ;
- it-taħriġ vokazzjonali, inkluż taħriġ għan-nisa li jaħdmu fis-settur tas-sajd, sabiex jingħataw aċċess aħjar għall-impjiegi manijerjali u tekniċi relatati mas-sajd;
- it-tiħiħ tar-rwol tan-nisa fis-sajd, b'mod partikolari billi jingħata appoġġ għall-attivitajiet li jitwettqu fuq l-art, għall-professjonisti relatati u għall-attivitajiet assoċjati mas-sajd, kemm upstream kif ukoll downstream;

32. Jenfasizza li l-aċċess għall-fondi mill-FEMS futur għandu jiffavorixxi proġetti li joffru soluzzjonijiet integrati li minnhom jibbenefikaw il-komunitajiet kostali inġenerali, aktar milli dawk li minnhom jibbenefikaw biss numru żgħir ta' operaturi; iqis li l-aċċess għall-fondi tal-FEMS għandu jkun garantit għas-sajjieda u l-familji tagħhom u mhux biss għas-

sidien tal-bastimenti;

33. Jenfasizza li l-organizzazzjoni komuni tas-suq (OKS) tal-prodotti tas-sajd u tal-akwakultura għandha tikkontribbwxixxi biex tippermetti produzzjoni aħjar tas-sajd fuq skala żgħira, l-istabbiltà tas-swieq, titjib fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u żieda fil-valur miżjud tagħhom; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-possibbiltà li jitneħħew l-istrumenti pubbliċi li għadhom jeżistu fil-qasam tar-regolamentazzjoni tas-swieq, korpi regolatorji pubbliċi u appoġġi għall-ħżin fuq l-art, u jappella għal riforma ambizzjuża, li ssaħħaħ l-istrumenti tal-OKS biex jintlaħqu dawn l-għanijiet;
34. Jipproponi l-ħolqien ta' tikketta Ewropea li tippremjja l-prodotti tas-sajd fuq skala żgħira miksuba skont il-prinċipji tal-PKS, sabiex tinkoraġġixxi l-aħjar Prattika;
35. Jiddefendi l-ħolqien ta' mekkaniżmi li jiżguraw rikonoxximent tal-hekk imsejħa esternalitajiet iġġenerati minn sajd fuq skala żgħira li mhumiex imħallsa mis-suq, f'termini kemm tal-ambjent kif ukoll tal-koeżjoni ekonomika u soċjali tal-komunitajiet kostali;
36. Iqis li hija importanti l-promozzjoni ta' tqassim ġust u adegwat tal-valur miżjud tul il-katina ta' valur tas-settur kollha kemm hi;
37. Jitlob monitoraġġ strett u ċertifikazzjoni tal-prodotti tas-sajd importati minn pajjiżi terzi biex jiġi żgurat li joriġinaw minn sajd sostenibbli u li jikkonformaw mal-istess rekwiżiti li l-produtturi Komunitarji jridu jikkonformaw magħhom (pereżempju fir-rigward tat-tikkettar, it-traċċabbiltà, ir-regolamenti fitosanitarji u d-daqsijiet minimi);
38. Jiddefendi l-ħolqien (fil-qafas tal-FEMS jew ta' strumenti oħrajn) ta' mekkaniżmi speċifiċi u temporanji ta' appoġġ, li għandhom jiġu implimentati f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, bħal diżastri naturali (tixrid taż-żejt, tniġġis tal-ilma, eċċ.), il-waqfien mill-attività minħabba pjanijiet ta' riġenerazzjoni tal-istokkijiet, jew żidiet f'daqqa fuq perjodu qasir fil-prezzijiet tal-fjuwil;
39. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri biex jiggarantixxu li n-nisa jkun u jstgħu jgawdu paga ugwali u drittijiet soċjali u ekonomiċi oħra, inkluża l-assigurazzjoni li tkopri r-riskji li huma esposti għalihom minħabba x-xogħol fis-settur tas-sajd u r-rikonoxximent ta' patoloġiji speċifiċi bħal mard okkupazzjonali;
40. Jirrikonoxxi li projbizzjonijiet temporanji fuq is-sajd, magħrufin ukoll bħala perjodi ta' mistrieħ bijoloġiku, huma mhux biss mezz importanti u ppruvat għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, iżda wkoll strument essenzjali għall-ġestjoni sostenibbli ta' sajd speċifiku; jirrikonoxxi li l-istabiliment ta' projbizzjonijiet fuq is-sajd waqt fażijiet kritiċi speċifiċi fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' speċi jippermetti li l-istokkijiet jiżviluppaw b'mod li huwa kompatibbli mas-sajd barra l-perjodu ta' mistrieħ; jemmen li dan huwa ġust u neċessarju taħt dawn iċ-ċirkustanzi biex jikkumpensa finanzjarjament lis-sajjieda waqt il-perjodu ta' inattività, jiġifieri permezz tal-FEMS;
41. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jikkontemplaw modi ta' diskriminazzjoni pożittiva li jiffavorixxu s-sajd fuq skala żgħira kontra s-sajd fuq skala kbira u flotot ta' natura aktar industrijalizzata, filwaqt li jiġi żgurat li l-ġestjoni tas-sajd

inġenerali tkun effikaċi u sostenibbli; iqis li s-segregazzjoni spazjali ta' tekniki differenti tas-sajd, u għaldaqstant id-definizzjoni ta' żoni riservati esklużivament għas-sajd fuq skala żgħira, huma waħda mill-għażliet li jridu jiġu kkunsidrati;

42. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu passi biex jippromwovu u jiksbu rikonossiment akbar, kemm fuq livell legali kif ukoll soċjali, għax-xogħol tan-nisa fis-settur tas-sajd, u biex jiżguraw li n-nisa li jaħdmu full-time jew part-time għal impriżi familjari jew li jgħinu lill-konjuġi tagħhom u li jikkontribwixxu b'dal-mod għas-sostenibbiltà ekonomika tagħhom stess u tal-familja, jingħataw l-istess rikonossiment legali jew benefiċċji soċjali li jgawdu minnhom persuni li jaħdmu għal rashom, b'mod partikolari billi tiġi applikata d-Direttiva 2010/41/UE, u biex jiġu żgurati d-drittijiet soċjali u ekonomiċi tagħhom, inkluża l-ugwaljanza fis-salarji, il-benefiċċji tal-qgħad fil-każ li jitilfu l-impjiegi tagħhom (b'mod temporanju jew definittiv), id-dritt għal pensjoni, il-bilanċ bejn il-ħajja professjonali u tal-familja, l-aċċess għal-liv tal-maternità, l-aċċess għas-sigurtà soċjali u għas-servizzi tas-saħħa mingħajr ħlas, u l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, u drittijiet soċjali u ekonomiċi oħra, inkluża assigurazzjoni li tkopri r-riskji fuq il-baħar;
43. Jirrakkomanda li r-reġim ta' aċċess speċjali għas-sajd fuq skala żgħira jinżamm fi ħdan iż-żona ta' tna-x-il mil;
44. Iqis li huwa neċessarju li matul l-iskambji dwar l-ippjanar tal-ispazju taż-żona ta' tna-x-il mil jiġi involut b'mod partikolari s-sajd fuq skala żgħira, fejn il-prattiki huma ġeneralment aktar numerużi u fejn it-turbini tar-riħ offshore kif ukoll l-estrazzjoni tal-granulati u ż-żoni marittimi protetti ħafna drabi jkollhom jikkoeżistu mal-attivitajiet tas-sajd fl-istess żona;
45. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' involviment u parteċipazzjoni akbar ta' professjonisti tas-sajd fuq skala żgħira fil-ġestjoni, id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki tas-sajd; jenfasizza l-importanza li jingħata appoġġ akbar għall-gruppi tas-sajjieda u l-organizzazzjonijiet professjonali li huma lesti li jaqsmu r-responsabbiltà tal-applikazzjoni tal-PKS, bl-għan li tiġi ddeċentralizzata aktar il-PKS; ihegġegħ lill-operaturi tas-sajd fuq skala żgħira biex jew jingħaqdu ma' organizzazzjonijiet tal-produtturi eżistenti jew jiffurmaw organizzazzjonijiet tal-produtturi ġodda;
46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-kunċett ta' "sajd fuq skala żgħira" jinkludi flotot, tekniki tas-sajd u attivitajiet tas-sajd li jistgħu jkunu pjuttost differenti minn xulxin u li jistgħu jvarjaw skont l-Istati Membri u ż-żoni tas-sajd. Minkejja dawn id-differenzi, dawn għandhom karatteristiċi komuni, li jqarrbuhom u jiddistingwuhom minn dak li normalment jissejjaħ "sajd fuq skala kbira" (li jappartjeni għalih is-sajd industrijali).

Il-karatteristiċi normalment assoċjati mas-sajd fuq skala żgħira, fost l-oħrajn, huma: rabtiet mill-qrib mal-ekonomija, l-istruttura soċjali, il-kultura u t-tradizzjonijiet tal-lokalitajiet u l-komunitajiet kostali; l-eżerċizzju tal-attivitajiet tas-sajd li jsir relattivament viċin tal-kosta u jinvolvi perjodi iqsar ta' żmien fuq il-baħar; aktar inkorporazzjoni diretta ta' xogħol mill-bniedem, jiġifieri, ammont akbar ta' xogħol għal kull unità ta' ħut maqbuda; l-użu ta' kwantità iżgħar ta' fjuwil għal kull unità ta' ħut maqbud; l-użu ta' tagħmir aktar selettiv, li jista' jkollu impatt aktar baxx fuq ir-riżorsi haġġin tal-baħar; rabta aktar mill-qrib bejn is-sajjied, ir-riżorsi u l-komunità li jkun parti minnha, li tiffaċilita l-perċezzjoni tal-importanza tal-konservazzjoni tajba tar-riżorsi; l-integrazzjoni fi strutturi ta' kummerċjalizzazzjoni aktar sempliċi u f'katini ta' provvista iqsar, peress li l-ħut huwa prinċipalment ikkunsmat frisk; l-għadd ikbar ta' mikrointrapriżi, ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u ta' intrapriżi familjari fost l-operaturi.

Hekk kif imsemmi f'diversi riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u b'mod speċjali fir-riżoluzzjoni tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar is-sajd kostali u l-problemi li jiffaċċjaw il-popolazzjonijiet li jiddependu mis-sajd, u r-riżoluzzjoni tal-25 ta' Frar 2010 dwar il-Green Paper dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd, is-sajd fuq skala żgħira għandu jiġi ttrattat b'mod differenti, billi jiġi soġġett għal sistemi jew mudelli ta' ġestjoni adattati għall-karatteristiċi u l-problemi speċifiċi tiegħu.

### **Proposti tal-Kummissjoni Ewropea għar-riforma tal-PKS**

Aħna nemmnu li l-karatteristiċi partikolari tas-sajd fuq skala żgħira mhumiex ikkunsidrati biżżejjed fil-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għar-riforma tal-PKS. Dawn il-proposti ma joffrux risposta adatta għal haġġna mill-problemi li s-sajd fuq skala żgħira qed jikkonfronta attwalment.

L-obvjettivi stabbiliti għall-konservazzjoni tar-riżorsi – li b'mod ġenerali l-ħtieġa tagħhom mhijiex miċħuda, anzi pjuttost bil-kontra – mhumiex akkumpanjati bit-tfassil ta' objettivi ekonomiċi u soċjali. Id-dimensjoni soċjoekonomika tal-politika tas-sajd għalhekk qed tiġi traskurata. Din il-kwistjoni hija partikolarment rilevanti għas-sajd fuq skala żgħira, fid-dawl tas-sitwazzjoni soċjoekonomika diffiċli li jiffaċċja.

Il-Kummissjoni Ewropea qed tkompli tissuġġerixxi ġestjoni ċentralizzata tal-PKS, u dan spiss jirriżulta f'linji gwida mbiegħda mir-realtà, li ma jinfemmux mis-settur (li ma jipparteċipax fid-diskussjoni u fit-tfassil tagħhom), u li l-implimentazzjoni tagħhom hija diffiċli u għalhekk ir-riżultati jmorru kontra l-obvjettivi tagħhom. Il-kapitolu dwar ir-'reġjonalizzazzjoni' ma jiggarantix il-ġestjoni mill-qrib mixtieqa u meħtieġa, li żgur tipprovdi l-aqwa approċċ għall-ħtiġijiet tas-sajd fuq skala żgħira.

Għal darb'oħra, mhix qed titqies id-diversità kbira li tikkaratterizza r-realtà tas-sajd fl-Unjoni

Ewropea, billi qed tiġi proposta skema unika ta' aċċess għar-riżorsi ta' natura obbligatorja. L-implimentazzjoni ta' din l-iskema – fil-mod li qed jiġi propost – jista' jkollha konsegwenzi ferm negattivi fuq is-sajd fuq skala żgħira, u speċjalment peress li d-definizzjoni adottata ta' "sajd fuq skala żgħira" hija limitata wisq u maqtugħa mir-realtà.

### **Modifiki neċessarji**

Ir-rapporteur jemmen li fir-riforma tal-PKS għandha tingħata aktar kunsiderazzjoni lis-sajd fuq skala żgħira. Aktar kunsiderazzjoni tal-problemi tiegħu, iżda wkoll tal-potenzjal tiegħu, li għandha tipproduċi għadd ta' modifiki fit-tliet pilastru tar-riforma: ir-Regolament Bażiku, ir-Regolament dwar l-OKS u l-istrument finanzjarju ta' konkretizzazzjoni tal-PKS, issa magħruf bħala l-FEMS.

Id-definizzjoni tas-"sajd fuq skala żgħira" għandha tqis għadd ta' kriterji, lil hinn mill-kriterju strettament marbut mad-daqs. Fosthom, huwa indispensabbli li jitqies l-impatt tal-flotta u tat-tekniki tas-sajd fuq l-ekosistema marittima kif ukoll it-tul tal-vjaġġ fuq il-baħar u anki l-karatteristiċi tal-unità ekonomika li tagħmel użu mir-riżorsi.

Ir-riforma tal-PKS għandha tiggarrantixxi l-kundizzjonijiet ta' ġestjoni lokali ġenwina li tkun tikkorrispondi bl-aħjar mod għas-sajd fuq skala żgħira. Din il-ġestjoni, ladarba jiġu definiti l-oġettivi ġenerali, għandu jkollha libertà u awtonomija kbar biex tagħti lilha nnifisha l-iktar strumenti adatti għat-tweqqif tal-oġettivi inkwistjoni, meta jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi lokali, reġjonali u nazzjonali.

Minbarra l-aspett kwantitattiv tal-flotta, għandu jitqies ukoll l-aspett kwalitattiv tagħha. Ir-riforma tal-PKS għandha ttejjeg it-titjib tas-sostenibbiltà tal-flotta fil-livell ambjentali, ekonomiku u soċjali. Dan l-oġettiv imur kontra tnaqqis ġenerali tal-kapaċità tal-flotot deċiż biss fuq kriterji tas-suq, wara l-implimentazzjoni tas-sistema tal-konċessjonijiet individwali trasferibbli. Din is-sistema se tiffavorixxi lill-operaturi li l-importanza ekonomika u finanzjarja tagħhom hija l-oġġla, u mhux neċessarjament lil dawk b'sostenibbiltà kemm fil-livell soċjali kif ukoll f'dak ambjentali.

Ir-riforma tal-PKS għandha tagħti spinta lill-iżvilupp tal-profil tal-flotot li jagħti preċedenza lill-partijiet u lill-operaturi li jagħmlu użu mit-tekniki tas-sajd li jkollhom l-inqas impatt fuq ir-riżorsi, u li joħlqu l-akbar vantaġġi għall-komunitajiet tagħhom, f'termini ta' ħolqien ta' impjiegi u ta' kwalità ta' dawn l-impjiegi.

### **Sfidi u proposti konkreti**

In-numru kbir ta' bastimenti kkonċernati u d-diversità kbira tat-tekniki u tat-tipi ta' sajd igħib miegħu ħtiġijiet u sfidi konsiderevoli għall-ġestjoni tas-sajd fuq skala żgħira. Id-disponibbiltà tal-informazzjoni hija kruċjali għall-effikaċja ta' din il-ġestjoni. Jeħtieġ li jkun hemm aktar informazzjoni u ta' informazzjoni ta' kwalità aħjar dwar is-sajd fuq skala żgħira. Mingħajrha jkun diffiċli li tiġi stabbilita ġestjoni aħjar.

Flimkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea jmissha tistabbilixxi definizzjoni aktar eżawrjenti u rigoruża tas-sajd fuq skala żgħira. Hemm bżonn ta' aktar għarfien dwar fejn, meta u kif jistadu d-dgħajjes tas-sajd fuq skala żgħira. Din l-informazzjoni għandha sservi ta' appoġġ għall-ġestjoni lokali bbażata fuq l-għarfien. Għal dan il-għan, huwa indispensabbli li

jizzied il-finanzjament tal-UE għall-ksib, l-ipproċessar u d-disponibbiltà ta' din l-informazzjoni; l-istess jgħodd għall-akkwist ta' dejta bijoloġika.

Ir-rapporteur jagħmel għadd ta' proposti konkreti ta' appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira.

Għandu jitqies it-tfassil ta' programm Komunitarju ta' appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira li jimmira, billi jsemmi diversi strumenti, b'mod partikolari fil-livell finanzjarju (bħall-FEMS futur, l-OKS u oħrajn), li jsolvi l-problemi speċifiċi ta' dan il-qasam u li jappoġġa ġestjoni lokali u sostenibbli tas-sajd ikkonċernat.

Allokazzjoni ta' ammont minimu ta' riżorsi tal-FEMS għandha tiġi ggarantita lis-sajd fuq skala żgħira.

Għandhom jingħataw prijorità bl-aktar mod wiesa' l-proġetti li jippreżentaw soluzzjonijiet integrati, li jkunu ta' benefiċċju għall-komunitajiet kostali kollha, għad-detriment ta' dawk li jkunu ta' benefiċċju biss għal għadd limitat ta' operaturi. L-aċċess għalihom għandu jiġi ggarantit lis-sajjieda u lill-familji tagħhom u mhux biss lis-sidien tal-bastimenti.

Dan il-programm għandu jappoġġja r-riġenerazzjoni indispensabbli tas-settur, permezz tad-dħul taż-żgħażaġh fl-attività, billi jikkontribwixxi, fost l-oħrajn, biex jiġu sodisfati l-ħtiġijiet ta' taħriġ vokazzjonali u ta' bidu tal-attività. L-attivitajiet li jseħħu fuq l-art għandhom jitqiesu u jiġu żviluppati. Ir-rwol tan-nisa fis-sajd għandu jiġi rikonoxxut u żviluppat.

Għandhom jinħolqu mekkaniżmi biex jiżguraw ir-rikonoxximent tal-hekk imsejħa esternalitajiet li huma ġġenerati mis-sajd fuq skala żgħira u li mhumiex imħallsa mis-suq – kemm fil-livell ambjentali kif ukoll fil-livell tal-koeżjoni ekonomika u soċjali tal-komunitajiet kostali.

Meta jitqiesu l-problemi eżistenti, ir-reviżjoni tal-OKS għandha żżid il-kontribut tiegħu biex jiggarantixxi d-dħul tas-sajd fuq skala żgħira, l-istabbiltà tas-swieq, it-titjib tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u ż-żieda tal-valur miżjud tagħhom. Din il-qagħda mhijiex kompatibbli mat-tneħħija tal-istrumenti pubbliċi eżistenti ta' regolamentazzjoni tas-swieq. Għall-kuntrarju ta' dan, is-sitwazzjoni li jinsab fiha s-settur, b'mod partikolari s-sajd fuq skala żgħira, teħtieġ riforma ambizzjuża, li ssaħħaħ l-istrumenti tal-OKS biex jintlaħqu dawn l-oġettivi.

Meta jitqiesu d-dgħufijiet strutturali tas-sajd fuq skala żgħira, dan is-settur hu aktar espost mis-setturi tal-flotta meqjusa bħala aktar kompetittivi għal ċerti tipi ta' xokkijiet esterni jew bidliet ta' malajr fid-disponibbiltà tar-riżorsi. Jaqbel għalhekk li titqies il-possibbiltà tal-ħolqien ta' mekkaniżmi speċifiċi ta' appoġġ, li għandhom jiġu implimentati f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, bħad-diżastri naturali, il-waqfien mill-attività minħabba pjanijiet ta' riġenerazzjoni tal-istokkijiet, jew iż-żieda f'daqqa fil-prezzijiet tal-fjuwil.



7.5.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar is-sajd fuq skala żgħira u s-sajd artiġjanali u r-riforma tal-PKS  
(2011/2292(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ana Miranda

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrikonoxxi li s-sajd kostali artiġjanali, is-sajd għall-frott tal-baħar u l-akkwakultura regolata b'attenzjoni u ġestita sew huma l-aktar forom ta' sajd sostenibbli mill-perspettiva soċjali, ekonomika u ambjentali, u li jikkostitwixxu wkoll fattur determinanti għall-iżvilupp soċjoekonomiku tal-komunitajiet kostali; jenfasizza li dawn il-forom ta' sajd għandhom impatt kulturali konsiderevoli u għandhom diversità territorjali kbira, peress li jsiru fil-kontinent, fil-gżejjer u r-reġjuni l-aktar imbiegħda. jinnota li huma jiġu effettwati minn fatturi negattivi bħan-nuqqas ta' trattament effettiv tal-ilma, diżastri kkawżati mill-bniedem u diżastri naturali, kompetizzjoni minn operaturi tas-sajd fuq skala kbira, tixrid ta' sustanzi, ħruġ ta' żjut, żieda qawwiya tal-kostruzzjoni mal-kosta, l-effett ta' proġetti kbar mal-kosta, l-effetti tat-tibdil fil-klima, u n-nuqqas ta' sistemi regolatorji definiti b'mod ċar għal żvilupp lokali sostenibbli, u huma wkoll vulnerabbli fil-konfront ta' tibdil fil-patterns tal-impjieg lokali;
2. Jesprimi tħassib dwar il-proposta tal-Kummissjoni sabiex iddaħħal konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli, peress li din l-iskema tista' twassal biex id-drittijiet tas-sajd ikunu kkonċentrati f'idejn numru żgħir ta' operaturi, u b'hekk jirriżulta li bosta intrapriżi żgħar tas-sajd jisparixxu;
3. Jinnota li s-sajd fuq skala żgħira mhux biss jippromwovi l-koeżjoni soċjoekonomika u jiżgura l-manteniment ta' ħafna familji, iżda jikkostitwixxi wkoll fattur li jżomm haġġin il-komunitajiet tas-sajd tul iż-żoni kostali; jenfasizza l-importanza li jinżamm approċċ tas-settur tas-sajd li jqis il-livelli bijoloġiċi, ekoloġiċi u soċjali, bil-ħsieb li jinholq bilanċ sostenibbli bejn is-sitwazzjoni tar-riżorsi eżistenti fid-diversi żoni marittimi u l-ħarsien tan-nisġa soċjoekonomika tal-komunitajiet kostali li jiddependu mis-sajd fil-viċinanzi sabiex jiggarrantixxu l-impjiegi u l-prosperità fi ħdanhom;

4. Jinsisti fuq il-ħtieġa li ż-żgħażaġh jiġu mħeġġa għall-karrieri fis-sajd u li tingħata għajjnuna lis-sajjieda permezz ta' taħriġ professjonali;
5. Jenfasizza l-importanza ta' aktar riċerka fil-qasam tal-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali; jinnota l-ħtieġa ta' statistika u indikaturi fil-livell Ewropew li jipprovdu dejta ambjentali, xjentifika u soċjoekonomika affidabli u pertinenti biżżejjed, inkluża valutazzjoni wiesgħa tal-istokkijiet tal-ħut u l-qabdiet, kemm fis-sajd professjonali kif ukoll rikreattiv, u jitlob il-provvista ta' riżorsi suffiċjenti biex dan jinkiseb; jemmen li tali dejta għandha wkoll tirrefletti l-firxa sħiħa tad-differenzi ġeografiċi, kulturali u reġjonali;
6. Jiddispujaċih dwar l-assenza ta' definizzjoni unanima tas-sajd artiġjanali fl-UE, peress li d-definizzjoni eżistenti bbażata fuq id-daqs tal-bastiment m'għadhiex aktar relevanti u ma tirriflettix ir-realtà; jipproponi, għalhekk, li l-Kummissjoni tfassal definizzjoni futura f'termini ta' governanza, li twieġeb għal diversi kriterji bħall-karatteristiċi u d-differenzi reġjonali, il-ġeomorfoġija, l-aspetti tekniċi tas-sajd, u l-aspetti soċjali, xjentifiċi, bijoloġiċi u ambjentali;
7. Jenfasizza l-fatt li, minħabba s-sitwazzjoni prekarja u d-deklin ta' numru ta' komunitajiet kostali li jiddependu mis-sajd, kif ukoll in-nuqqas ta' alternattivi għad-diversifikazzjoni ekonomika, l-istrumenti, il-fondi u l-mekkaniżmi eżistenti għandhom jissaħħu sabiex tiġi żgurata koeżjoni f'termini ta' impjiegi u sostenibilità ekoloġika; jemmen li għandu jkun hemm rikonoxximent speċifiku ta' dan fil-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u l-qafas MFF; jenfasizza wkoll il-bżonn ta' konċentrazzjoni fuq ġestjoni konġunta akbar u l-involviment tas-settur tas-sajd artiġjanali fit-teħid ta' deċiżjonijiet, billi ssir promozzjoni ta' strateġiji lokali u reġjonali u kooperazzjoni transkonfinali f'dan il-qasam, li tkopri proġetti ta' żvilupp, riċerka u taħriġ, bil-fondi xierqa mill-FEMS, mill-FSE u mill-FEŻR; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibilità li jinħoloq Kunsill Konsultattiv reġjonali ġdid;
8. Jenfasizza l-potenzjal kbir u li għadu ma ġiex sfruttat li tirrappreżenta l-akkwakultura ekoloġikament sostenibbli għall-ħolqien ta' bażi għall-SMEs fl-oqsma tal-produzzjoni u tal-ipproċessar, kif ukoll l-oportunitajiet ta' impjieg fir-reġjuni kostali u interni;
9. Jitlob is-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-approvazzjoni tal-fondi tal-UE, b'mod partikolari bl-introduzzjoni ta' skeda ta' spejjeż ta' darba għar-rimborż u ta' għotjiet globali lil ċerti entitajiet professjonali;
10. Jenfasizza l-fatt li l-flotta tal-UE teħtieġ li tiġi aġġustata, iżda mhux għad-dannu tal-flotta artiġjanali, għaliex tali sitwazzjoni tagħmel ħsara liż-żoni kostali f'termini soċjali, ekonomiċi u kulturali; iqis li l-baży għall-azzjoni, għall-kuntrarju, għandha tkun approċċ ta' ekosistema, li fiha jittieħdu deċiżjonijiet speċifiċi ta' ġestjoni relatati mal-flotta artiġjanali fil-livell reġjonali, filwaqt li dejjem jiġi rispettati il-prinċipju ta' sussidjarjetà; is-sistema ta' sajd differenzjat li tirriżulta tagħti prijorità lill-aċċess għar-riżorsi u tipproteġi flotot artiġjanali ta' sajd kostali filwaqt li jiġi żgurat l-involviment tal-komunitajiet tas-sajd lokali;
11. Jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiżgura li l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd tal-ġejjieni jinkludi biżżejjed fondi għas-sajd artiġjanali, is-sajd għall-frott tal-baħar, it-trobbija tal-frott tal-baħar, l-akkwakultura estensiva sostenibbli u t-tiġdid u l-

modernizzazzjoni tat-tagħmir, kif ukoll il-ħolqien ta' programmi speċifiċi aktar sempliċi biex jappoġġjaw is-sajd sostenibbli fuq skala żgħira, diretti lejn komunitajiet kostali u komunitajiet fuq gżejjer li jiddependu prinċipalment fuq is-sajd, u li jiġu stabbiliti programmi ta' kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni għal dan is-sors ta' ikel fil-komunitajiet lokali, billi jingħata aċċess ta' prijorità lil dawn ir-riżorsi lil dawk li jistadu għall-ħut u għall-frott tal-baħar bil-mod l-aktar ambjentalment u soċjalment sostenibbli;

12. Jipproponi l-ħolqien ta' tikketta Ewropea għall-garanzija tal-prodotti tas-sajd artiġjanali miksuba skont il-prinċipji tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), sabiex tinkoraġġixxi l-aħjar prattika.
13. Ifakkar li, għall-kuntrarju tal-flotta industrijali, il-flotta artiġjanali selettiva tippromwovi iżjed impjiegi fost iċ-ċittadini Ewropej, tirrappreżenta sostenibbiltà akbar u tkattar attivitajiet marittimi oħra fil-komunitajiet kostali lokali.
14. Jitlob għal reġjonalizzazzjoni sħiħa tad-definizzjoni tas-sajd fuq skala żgħira u artiġjanali.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	26.4.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 35 -: 0 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Jean-Paul Besset, Victor Boştinaru, John Bufton, Alain Cadec, Nikos Chrysogelos, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Vladimír Maňka, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Ana Miranda, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Ewald Stadler, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jens Geier, Maurice Ponga, Patrice Tirolien, Giommara Uggias
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Julie Girling

26.4.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar is-sajd fuq skala żgħira u s-sajd artiġjanali u r-riforma tal-PKS  
(2011(2292)(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Barbara Matera

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Driftijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2005 dwar in-Netwerks tan-Nisa: sajd, biedja u diversifikazzjoni<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2000 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-istudju mid-Dipartiment tal-Politika, 'The role of women in the Sustainable Development of European Fisheries Areas' (Ir-rwol tan-nisa fl-Iżvilupp Sostenibbli taż-Żoni tas-Sajd), Mejju 2008,
- A. billi n-nisa għandhom rwol fundamentali fl-oqsma relatati mas-sajd u l-akkwakultura, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ġestjoni tal-ħut, u jipprovdu wkoll tipi oħra ta' appoġġ għal dawk li jaħdmu fl-industrija tas-sajd;
- B. billi hemm bżonn li x-xogħol tan-nisa fis-settur tas-sajd ikun jidher, peress li 85% tan-nisa li jaħdmu f'dan is-settur jaħdmu fis-sajd fuq skala żgħira u fis-sajd artiġjanali, u billi f'ħafna mir-reġjuni kostali tal-Ewropa dawn it-tipi ta' sajd jikkostitwixxu s-sors prinċipali ta' dħul tagħhom;

<sup>1</sup> ĠU C 286 E, 23.11.2006, p. 519.

<sup>2</sup> ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1.

- C. billi fis-settur tas-sajd teżisti diskriminazzjoni ta' tip ekonomiku kontra n-nisa, u billi n-nisa jitħallsu inqas mill-irġiel għall-istess xogħol u, f'ħafna każijiet, ix-xogħol tagħhom mhuwiex rikonoxxut b'mod legali u għaldaqstant m'għandhomx aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata; billi, ukoll, f'ħafna każi, dan ix-xogħol jinvolvi livell għoli ta' riskju jew effetti serji fuq is-saħħa;
- D. billi n-nisa spiss jieħdu ħsieb l-aspett amministrattiv tal-impriżi tas-sajd, billi jassumu responsabbiltà għall-affarijiet finanzjarji, id-dmirijiet marbuta mal-portijiet, il-ħatt, il-kisba ta' provvisti għas-sajjeda u l-assistenza tagħhom, l-irkanti tas-sajd, il-kontabilità u l-produzzjoni u t-tiswija tax-xbieki, u billi x-xogħol mhux rikonoxxut – u f'bosta każi mingħajr ħlas – magħmul min-nisa jiżdied meta l-industrija tiffaċċja kriżi u ma jkunux jistgħu jiksbu aċċess għall-għajnuna meta l-attivitajiet tas-sajd jieqfu;
- E. billi għad hemm wisq ostakli legali u soċjali li jimpedixxu l-parteciċipazzjoni sħiħa tan-nisa fil-qasam tar-rappreżentanza fis-settur tas-sajd, u billi n-nisa saħansitra huma pprojbiti milli jinvolvu ruħhom f'entitajiet li jieħdu d-deċiżjonijiet f'uħud mill-komunitajiet u l-assoċjazzjonijiet;
- F. billi l-patoloġiji speċifiċi li jeffettwaw lin-nisa li jaħdmu fis-settur tas-sajd mhumiex rikonoxxuti bħala mard okkupazzjonali;
1. Jenfasizza l-importanza li l-perspettiva tas-sessi u l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel jiġu integrati fl-oqsma kollha tar-riforma tal-politika tas-sajd tal-UE;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu passi sabiex jippromwovu u jiksbu rikonoxximent akbar, kemm fuq livell legali kif ukoll soċjali, tax-xogħol tan-nisa fis-settur tas-sajd, u sabiex jiżguraw li n-nisa li jaħdmu full-time jew part-time għal impriżi tal-familja jew billi jgħinu lill-konjuġi tagħhom u li jikkontribwixxu b'dal-mod għas-sostenibbiltà ekonomika tagħhom stess u tal-familja, jingħataw l-istess rikonoxximent legali jew benefiċċji soċjali li jgawdu minnhom persuni li jaħdmu għal rashom, b'mod partikolari billi tiġi applikata d-Direttiva 2010/41/UE, u biex jiġu żgurati d-drittijiet soċjali u ekonomiċi tagħhom, inkluża l-ugwaljanza fis-salarji, il-benefiċċji tal-qgħad f'każ ta' waqfien (temporanju jew definittiv) mix-xogħol, id-dritt għal pensjoni, il-bilanċ bejn il-ħajja professjonali u tal-familja, l-aċċess għal-liv tal-maternità, l-aċċess għas-sigurtà soċjali u għas-servizzi tas-saħħa b'xejn, u l-ħarsien tas-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol, u drittijiet soċjali u ekonomiċi oħra, inkluża assigurazzjoni li tkopri r-riskji fuq il-baħar;
  3. Jilqa' l-prijorità tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS) 2014-2020 li jiżdiedu l-impjiegi, il-koeżjoni territorjali u l-inklużjoni soċjali fil-komunitajiet dipendenti mis-sajd taħt l-'aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi'; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex f'dan il-kuntest jiżguraw, fir-riforma kollha tal-Politika Komuni tas-sajd (PKS), li ssir promozzjoni ta' opportunità ugwali bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru tul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-FEMS, inklużi t-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni;
  4. Jenfasizza li l-parteciċipazzjoni attiva tan-nisa fl-attivitajiet relatati mas-sajd tikkontribwixxi, minn naħa waħda, għaż-żamma tat-tradizzjonijiet kulturali u l-prattiki speċifiċi u, min-naħa l-oħra, għas-sopravvivenza tal-komunitajiet tagħhom, u b'hekk tiġi żgurata wkoll id-diversità kulturali tar-reġjuni kkonċernati;

5. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw l-importanza tar-rwol ekonomiku, soċjali u kulturali tan-nisa fl-industrija tas-sajd sabiex dawn ikun jista' jkollhom aċċess għall-benefiċċji soċjali, u bħala mezz biex tiġi żgurata rappreżentanza tas-sessi bbilanċjata f'impjiegi relatati mas-sajd;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li n-nisa jiġu allokatu kwoti fl-industrija tas-sajd u biex fil-leġiżlazzjoni tinkludi b'mod ċar il-prinċipju tas-sjieda konġunta għall-konjuġi, f'termini tal-allokkazzjoni tal-kwoti;
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu studju soċjali bl-għan li jevalwa l-impatt li l-implimentazzjoni tal-kwoti jista' jkollha fil-komunitajiet tas-sajd, sabiex jimmonitorjaw bidliet soċjali potenzjali f'dawn il-komunitajiet, permezz tal-użu ta' indikaturi soċjali bħal-livell tal-edukazzjoni, il-kontribut tal-konjuġi nisa jew is-sieħba, is-saħħa, l-età tat-tfal, ir-rieda tal-ommijiet li jgħaddu l-professjoni tas-sajd lit-tfal tagħhom, il-benesseri tal-familji u l-komunitajiet;
8. Jenfasizza l-ħtieġa li l-għajnuna finanzjarja tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd tiġi allokata b'tali mod li taġevola lin-nisa b'mod aħjar fis-settur tas-sajd billi s-settur jiġi mfassal mill-ġdid u billi jiġu pprovduti faċilitajiet xierqa (bħal pereżempju changing rooms fuq il-vapuri jew fil-portijiet);
9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja proġetti speċifiċi bl-oġettiv tar-rikonossiment, il-promozzjoni u d-diversifikazzjoni tar-rwol tan-nisa fl-oqsma relatati mas-sajd, u jqis li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-modernizzazzjoni tad-dgħajjes tas-sajd biex jittejjbu l-kundizzjonijiet u l-iġjene abbord, il-kwalità tal-prodott u l-effiċjenza fl-enerġija, u biex tiġi żgurata s-selettività tal-irkaptu tas-sajd;
10. Isostni li għandu jitfassal programm ta' appoġġ tal-UE għas-sajd fuq skala żgħira, bl-użu ta' firxa ta' riżorsi, speċjalment f'termini finanzjarji (inkluż il-FEMS tal-ġejjieni u l-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni (CMO) għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura), sabiex wieħed jilqa' għall-problemi speċifiċi ta' dan is-settur u jappoġġja l-ġestjoni sostenibbli tal-entitajiet tas-sajd involuti b'bażi lokali, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-problemi li jeffettwaw lin-nisa fis-settur;
11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu data u statistika, imqassmin skond is-sess, it-tip ta' impjieg (p.e. full-time, part-time, okkażjonali), status (persuni jaħdmu għal rashom, bis-salarju, konjuġi kollaboraturi) u tip ta' produzzjoni (fuq skala żgħira, medja jew kbira fis-sajd u l-akkwakultura) u biex jirrikonossu l-kategoriji tal-ħaddiema f'dan is-settur li mhumiex inklużi fl-istatistiki ta' impjiegi tas-sajd, p.e. dawki li jiġbru l-frott tal-baħar;
12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw u jirrikonossu d-drittijiet tal-konjuġi jew il-partners tas-sajjieda sabiex ikunu eliġibbli għas-sħubija fl-organizzazzjonijiet tas-sajjieda fil-livelli kollha fl-Istati Membri u anki jkunu jistgħu jikkontestaw l-elezzjonijiet tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa tal-promozzjoni u t-tisħiħ tal-parteeipazzjoni effettiva tan-nisa fil-korpi rappreżentattivi, deċiżjonali u konsultattivi fis-settur tas-sajd, fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li testendi r-rwol tal-Kunsilli Konsultattivi u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-parteeipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-sajd u tal-

akkwakultura tan-nisa fil-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akkwakultura (ACFA) u l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs);

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw, permezz tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u l-Fondi Strutturali, il-forniment ta' aktar taħriġ u edukazzjoni fuq ix-xogħol lil nisa li jaħdmu fis-settur tas-sajd, sabiex jingħatalhom aċċess akbar għal impjiegi tekniċi u maniġerjali; jitlob ukoll li jiġu stabbiliti mekkaniżmi sabiex jittejjeb it-tixrid ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' taħriġ u jiżdiedu l-fondi disponibbli biex dawn l-opportunitajiet jiġu sfruttati;
14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw aktar finanzjament għall-programmi ta' riċerka fil-komunità fl-attivitajiet tal-akkwakultura li jippromwovu t-tkabbir fis-settur tas-sajd, bħala mezzi biex jinħolqu impjiegi ġodda fejn in-nisa għandhom jiġu inklużi fuq il-bażi ta' kwoti;
15. Jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tan-nisa fi proġetti ta' riċerka li jiffokaw fuq ir-riperkussjonijiet tar-ristrutturar tas-settur tas-sajd, billi wieħed iżomm f'moħħu li l-esperjenza tan-nisa tikkostitwixxi kontribut prezjuż ħafna, u l-ħtieġa li jkun iggarantit li d-dimensjoni tas-sessi tiġi kkunsidrata b'mod dovut;
16. Jenfasizza li l-UE għandha timmira l-investimenti tagħha li għandhom potenzjal li joħolqu l-impjiegi, lejn is-swieq globali tas-sajd billi tbigħ it-teknoloġija u l-għarfien tagħha sabiex tindirizza l-isfidi relatati ma' kwistjonijiet ta' sikurezza u sostenibbiltà, u permezz ta' dawn il-miżuri tappoġġja wkoll ix-xogħol tan-nisa f'dan il-qasam;
17. Jenfasizza l-qagħda speċifika tas-sajjeda tal-frott tal-baħar (xogħol magħmul primarjament min-nisa ta' 'l fuq minn 50 sena, li għandhom problemi ta' saħħa minħabba x-xogħol tagħhom), u jtenni t-talba tiegħu, għalhekk, li l-Kummissjoni tfassal proġett pilota speċifiku li jkopri dawn il-punti kollha u jipprovdi soluzzjonijiet għall-problemi li jirriżultaw minn dan ix-xogħol; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu rikonoxximent legali għal perjodi ta' inattività furzata għal raġunijiet ta' saħħa pubblika (tossini, diżastri naturali, ħruġ ta' likwidi inkwinanti, ħruġ ta' żjut), u biex jirrikonoxxu ċerti kundizzjonijiet jew mard li jeffettwaw in-nisa li jaħdmu fis-settur tas-sajd artiġjanali u s-sajd tal-frott tal-baħar (bħal patoloġiji rewmatiċi u relatati mal-għadam);



## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.4.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 24 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Emine Bozkurt, Andrea Češková, Iratxe García Pérez, Zita Gurmai, Mikael Gustafsson, Mary Honeyball, Sophia in 't Veld, Nicole Kiil-Nielsen, Silvana Koch-Mehrin, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Astrid Lulling, Barbara Matera, Elisabeth Morin-Chartier, Angelika Niebler, Siiri Oviir, Antonyia Parvanova, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Marc Tarabella, Britta Thomsen, Marina Yannakoudakis, Anna Záborská, Inês Cristina Zuber
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Franziska Katharina Brantner, Christa Klaß, Ana Miranda, Mariya Nedelcheva, Katarína Neved'álová, Antigoni Papadopoulou

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	19.9.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 21 -: 0 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Antonello Antinoro, Kriton Arsenis, Alain Cadec, Chris Davies, João Ferreira, Carmen Fraga Estévez, Pat the Cope Gallagher, Marek Józef Gróbarczyk, Ian Hudghton, Iliana Malinova Iotova, Werner Kuhn, Isabella Lövin, Gabriel Mato Adrover, Guido Milana, Maria do Céu Patrão Neves, Crescenzo Rivellini, Ulrike Rodust, Raül Romeva i Rueda, Isabelle Thomas, Nils Torvalds, Jarosław Leszek Wałęsa
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Paul Basset, Luis Manuel Capoulas Santos, Diane Dodds, Julie Girling, Jens Nilsson, Nikolaos Salavrakos, Antolín Sánchez Presedo, Ioannis A. Tsoukalas
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nuno Teixeira